Nru./No. 20,482
Prezz/Price
€5.22

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 11 ta' Settembru, 2020
Friday, 11th September, 2020

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 8173 - 8181
Government Notices ..... *8173 - 8181*

Avviżi lill-Baħħara ..... 8182 - 8184
Notices to Mariners ..... *8182 - 8184*

Opportunitajiet ta' Impieg ..... 8184 - 8252
Employment Opportunities ..... *8184 - 8252*

Avviżi tal-Gvern ..... 8252 - 8257
Notices ..... *8252 - 8257*

Offerti ..... 8258 - 8266
Tenders ..... *8258 - 8266*

Avviżi tal-Qorti ..... 8266 - 8284
Court Notices ..... *8266 - 8284*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 1041

AĠENT PRIM MINISTRU

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi, fuq il-parir tal-Prim Ministru, il-President ta' Malta ordna illi l-Onor. Chris Fearne, MD, FRCS(Ed), MP, Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa, jassumi d-dmirijiet addizzjonali ta' Prim Ministru, nhar il-Ħamis, 10 ta' Settembru, 2020, matul l-assenza minn Malta tal-Onor. Robert Abela, KUOM, BA, LLD, Adv. Trib. Melit., MP.

Id-9 ta' Settembru, 2020
(OPM/40/2017)

Nru. 1042

TRIBUNAL TAL-APPELLI GHALL-PROTEZZJONI INTERNAZZJONALI

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-Att dwar ir-Rifuġati (Kap. 420), l-Eċċellenza tiegħu l-President ta' Malta approva li t-Tribunal tal-Appelli għall-Protezzjoni Internazzjonali jkun kostitwit kif ġej sas-27 ta' Awwissu, 2023:

Chairperson
Dott. Claudio Zammit, BA, LLD, M. Jur (Eu. Law)

Membri
Dott. Chris Soler, BA (Melit.), LLD (Melit.), Adv. Trib. Eccles.Melit., MA (Sussex), LLM (Sussex)
Dott. Amanda Spiteri Grech, BA, LLD, LLB Theology & Law Public Not.
Is-Sur Christian Camilleri, BEd (Hons) PSD

Il-11 ta' Settembru, 2020

Nru. 1043

PUBBLIKAZZJONI TA' ABBOZZ TA' LIĠI FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali illi l-Abbozz ta' Liġi li ġej huwa ppubblikat fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Abbozz ta' Liġi Nru. 161 imsejjaħ l-Att tal-2020 li jemenda l-Att dwar il-Produzzjoni tal-*Petroleum*.

Il-11 ta' Settembru, 2020

GOVERNMENT NOTICES

No. 1041

ACTING PRIME MINISTER

IT is notified for general information that, acting on the advice of the Prime Minister, the President of Malta has directed that the Hon. Chris Fearne, MD, FRCS(Ed), MP, Deputy Prime Minister and Minister for Health, assumes the additional duties of the Prime Minister, on Thursday, 10th September, 2020, during the absence from Malta of the Hon. Robert Abela, KUOM, BA, LLD, Adv. Trib. Melit., MP.

9th September, 2020

No. 1042

INTERNATIONAL PROTECTION APPEALS TRIBUNAL

IT is hereby notified for general information that, in exercise of the powers conferred by the Refugee Act (Cap. 420), his Excellency the President of Malta has approved that the International Protection Appeals Tribunal be constituted as follows up to the 27th August, 2023:

Chairperson
Dr Claudio Zammit, BA, LLD, M. Jur (Eu. Law)

Members
Dr Chris Soler, BA (Melit.), LLD (Melit.), Adv. Trib. Eccles.Melit., MA (Sussex), LLM (Sussex)
Dr Amanda Spiteri Grech, BA, LLD, LLB Theology & Law Public Not.
Mr Christian Camilleri, BEd (Hons) PSD

11th September, 2020

No. 1043

PUBLICATION OF BILL IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Bill is published in the Supplement to this Gazzette:

Bill No. 161 entitled the Petroleum (Production) (Amendment) Act, 2020.

11th September, 2020

Nru. 1044

ATT DWAR IS-SIGURTÀ SOĊJALI
(KAP. 318)

Nomina ta' Arbitri

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 107 tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali (Kap. 318), il-Ministru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali għoġbu jaħtar lil Dr Luciano Busuttil, BA, LLD u lil Dr Noel Cutajar, BA, MSc, LLD biex ikunu Arbitri għall-finijiet tal-imsemmi Att.

Dawn il-ħatriet huma għal perjodu ta' sena b'effett mill-4 ta' Settembru, 2020.

Il-11 ta' Settembru, 2020

No. 1044

SOCIAL SECURITY ACT
(CAP. 318)

Appointment of Umpires

IN exercise of the powers conferred by section 107 of the Social Security Act (Cap. 318), the Minister for the Family, Children's Rights and Social Solidarity is pleased to appoint Dr Luciano Busuttil, BA, LLD and Dr Noel Cutajar, BA, MSc, LLD to be Umpires for the purposes of the said Act.

These appointments are for a period of one year with effect from the 4th September, 2020.

11th September, 2020

Nru. 1045

BORD TAL-ENEMED

Bord tad-Diretturi

NGĦARRFU b'din illi l-Ministru għall-Enerġija u l-Immaniġġjar tal-Ilma ħatar lill-Bord tad-Diretturi ta' Enemed Co. Ltd kif jidher hawn taħt b'seħħ mit-8 ta' Ġunju, 2020, għal perjodu ta' sena.

Chairperson
Mr Kevin Chircop

Diretturi
Is-Sur Francis Cassar
Is-Sa Nikita Zammit Alamango
Is-Sur Andrew Vella
Dott.Alison Zerafa Civelli
Is-Sa Sarah Camilleri
Is-Sa Stephanie Pace Hili

Segretarja
Dott. Charmaine Cherrett

Il-11 ta' Settembru, 2020

No. 1045

ENEMED BOARD

Board of Directors

IT is hereby notified that the Minister for Energy and Water Management has appointed the Enemed Co. Ltd Board of Directors as shown below with effect from 8th June, 2020, for a period of 1 year.

Chairperson
Mr Kevin Chircop

Directors
Mr Francis Cassar
Ms Nikita Zammit Alamango
Mr Andrew Vella
Dr Alison Zerafa Civelli
Ms Sarah Camilleri
Ms Stephanie Pace Hili

Secretary
Dr Charmaine Cherrett

11th September, 2020

Nru. 1046

REGOLAMENTI TAL-2020 DWAR ITTESTJAR MANDATORJU TA' ĊERTU VJAĠĠATURI

Lista ta' Pajjiżi Identifikati

IL-MINISTRU responsabbli mis-Saħħa Pubblika jgħarraf li skont l-artikolu 2 (1) tar-Regolamenti tal-2020 dwar Ittestjar Mandatorju ta' Ċertu Vjaġġaturi, qed tiġi riveduta l-lista ta' pajjiżi li tissemma fl-istess Regolamenti. Kull

No. 1046

MANDATORY TESTS FOR CERTAIN TRAVELLERS REGULATIONS, 2020

List of Identified Countries

THE Minister responsible for Public Health notifies that, by virtue of article 2 (1) of the Mandatory Tests for Certain Travellers Regulations, 2020, the list of countries referred to in the same regulations is being revised. Any

vjaġġatur li jiġi minn xi pajjiż elenkat fil-lista riveduta ta' pajjiżi indikata hawn taħt għandu jipprovdi PCR COVID-19 test negattiv magħmul mhux aktar minn tnejn u sebgħin (72) siegħa qabel il-wasla tiegħu f'Malta. Vjaġġaturi ġejjin f'Malta minn xi wieħed fost dawn il-pajjiżi, li jonqsu milli jipproduċu dan it-test, jistgħu jkunu sottomessi għall-ittestjar f'Malta u jistgħu jkunu soġġetti għall-kwarantina.

Lista riveduta ta' pajjiżi:

Spanja (l-ajruporti ta' Madrid, Barċellona u Ġirona)
Ir-Rumanija
Ir-Repubblika Ċeka
It-Tuneżija
Franza (l-ajruporti kollha ta' Pariġi u Marsilja)

Dan l-Avviż dwar il-lista riveduta ta' pajjiżi se jidħol fis-seħħ minn nhar il-Ġimgħa, 11 ta' Settembru, 2020, f'nofsillejl.

Il-11 ta' Settembru, 2020

traveller arriving in Malta from any of the countries listed in the revised list of countries indicated hereunder is required to present a negative PCR COVID-19 test performed no longer than seventy-two (72) hours before arrival in Malta. Travellers arriving in Malta from any of the said countries, who fail to produce such a test, may be submitted to testing in Malta and may be subject to quarantine.

Revised list of countries:

Spain (Madrid, Barcelona and Girona airport)
Romania
Czech Republic
Tunisia
France (all Paris airports, Marseille)

This Notice regarding the revised list of countries shall come into effect on Friday, 11th September, 2020, at midnight.

11th September, 2020

Nru. 1047

ATT DWAR IR-REĠISTRAZZJONI TA' ARTIJIET
(KAP. 296)

Avviż li hemm il-Ħsieb li Titoli ta' Art Jiġu Rreġistrati

B'DAN qed navża li jien irċevejt l-applikazzjonijiet li ġejjin għar-reġistrazzjoni ta' titoli ta' art deskritti hawn taħt minn:

No. 1047

LAND REGISTRATION ACT

(CAP. 296)

Notice of Intention to Register Titles to Land

NOTICE is hereby given that I have received the following applications to register titles to land described below from:

Lokalità *Locality*	Proprjetà *Property*	Applikant *Applicant*	LR-A *LR-A*
In-Nadur	Art maghrufa bhala iċ-Ċens – 14,398m.k	Benefiċċju ta' San Antonio delli Navarra	89/2020 Gozo
Nadur	*Land known as iċ-Ċens – 14,398sq.m*	*Benefiċċju ta' San Antonio delli Navarra*	
In-Nadur	Art maghrufa bhala iċ-Ċens – 13,252m.k	Benefiċċju ta' San Antonio delli Navarra	250/2020 Gozo
Nadur	*Land known as iċ-Ċens – 13,252sq.m*	*Benefiċċju ta' San Antonio delli Navarra*	

L-applikazzjonijiet, pjanti tal-art u d-dokumenti ppreżentati magħhom jistgħu jiġu eżaminati fir-Reġistru tal-Artijiet, L-Amministrazzjoni, Triq ta' Wara s-Sur, Ir-Rabat, Għawdex, bejn it-8.00 a.m. u s-2.00 p.m.

Dr Marlin Vella, LLD
għar-Reġistratur tal-Artijiet

Il-11 ta' Settembru, 2020

The applications, plans of the land and accompanying documents may be inspected at the Land Registry, The Administration, Triq ta' Wara s-Sur, Victoria, Gozo, between 8.00 a.m. and 2.00 p.m.

Dr Marlin Vella, LLD
for/Land Registrar

11th September, 2020

Nru. 1048

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ DOKUMENTI U TRASFERIMENTI (KAP. 364)

Avviż skont l-Artikolu 61(1)

SKONT id-dispożizzjonijiet tal-proviso tal-artikolu 61(1) tal-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti, il-Kummissarju tat-Taxxi b'dan jgħarraf lill-persuni msemmija aktar 'l isfel biex imorru fid-Dipartiment tal-Capital Transfer Duty, 46, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta, sabiex jiġbru l-avviżi magħmula fuqhom.

No. 1048

DUTY ON DOCUMENTS AND TRANSFERS ACT (CAP. 364)

Notice in terms of Article 61(1)

IN Terms of the proviso to article 61(1) of the Duty on Documents and Transfers Act, the Commissioner for Revenue hereby notifies the persons listed hereunder to call at the Capital Transfer Duty Department, 46, Triq il-Merkanti, Valletta, to collect the notices made on such persons.

Isem *Name*	Karta tal-Identità *ID Number*	Numru tat-Talba *Claim Number*
Vella Victor Joseph	20386G	IV 146265
Camilleri Dominic	31552G	IV 146266
Cuschieri William	70582M	IV 146281
Grech Mark	23968G	IV 146282
Vella Marie Therese et	317651M	IV 146270
Micallef Mario et	410955M	IV 146332
JKSM Investments Limited	Roc. No. C 89811	IV 146333
Grech Mark	23968G	IV 146342
Cuschieri William	70582M	IV 146343
Cuschieri William	70582M	IV 146344
Grech Mark	23968G	IV 146345
Spiteri Paul et	386965M	IV 146366
Zliten Properties Limited	Roc. No. C 31024	IV 146367
Grech Marlon Frank	40885G	IV 143476
Scicluna Mario	193485M	IV 145959
Bonello Teresa	793544M	IV 145260
Farrugia Ernestina	17625A	IV 145960
Camenzuli Vincent	737045M	IV 145330
Azzopardi Raymond J	762458M	IV 145018
Muscat Agostino	375769M	IV 145021
Cefai John	8768G	IV 145773
Morina Andrea Francesco et	74855A	IV 142700
Zafer Palabiyik	167206L	IV 145963
Vella Johnie Franklin	195106L	IV 143833
A A Developments Limited	Roc. No C 79667	IV 145026
E & C Developments Limited	Roc. No. C 15633	IV 145050
D & C Investments Limited	Roc. No. C 79064	IV 143009
Vaswani Andrew obo Alison Inv. Ltd	166071M	SV 050535
Vaswani Andrew obo Alison Inv. Ltd	166071M	SV 050534
Vaswani Andrew obo Alison Inv. Ltd	166071M	SV 050536

Il-11 ta' Settembru, 2020

11th September, 2020

Nru. 1049

MINISTERU GĦALL-ENERĠIJA U L-IMMANIĠĠJAR TAL-ILMA

Estensjoni tal-Iskema Stabbilita bin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 758 tal-2020

NGĦARRFU b'din illi l-iskema ffinanzjata mill-Gvern Malti: Skema għall-Promozzjoni ta' Sorsi ta' Enerġija li Jiġġeddu għal Organizzazzjonijiet Volontarji – 2020/PV/VO t-tieni sejħa, stabbilita bin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 758 tal-2020, qiegħda tiġi estiża sat-30 ta' Settembru, 2020, jew sakemm l-allokazzjoni tittieħed kollha.

Il-11 ta' Settembru, 2020

No. 1049

MINISTRY FOR ENERGY AND WATER MANAGEMENT

Extension of Scheme established by means of Government Notice No. 758 of 2020

IT is hereby notified that the scheme funded by the Government of Malta: Scheme for the Promotion of Renewable Energy Sources for Voluntary Organisations – 2020/PV/VO second call, established by means of Government Notice No. 758 of 2020, is being extended to 30th September, 2020, or until allocation is fully taken up, whichever comes first.

11th September, 2020

Nru. 1050

AVVIŻ GĦALL-GĦANIJIET TAL-ATT TAL-1996 DWAR GWARDJANI PRIVATI U UFFIĊJALI TAL-KOMUNITÀ (KAP. 389)

IL-KUMMISSARJU tal-Pulizija, skont l-artikoli 7 u 8 tal-Att tal-1996 dwar Gwardjani Privati u Uffiċjali tal-Komunità, b'din jgħarraf li rċieva dawn l-applikazzjonijiet kif imsemmija hawn taħt:

No. 1050

NOTICE IN TERMS OF THE PRIVATE GUARDS AND COMMUNITY OFFICERS (CAP. 389)

THE Commissioner of Police, in terms of articles 7 and 8 of the Private Guards and Community Officers Act 1996, hereby notifies that the following applications as mentioned hereunder have been received:

Applikazzjoni għal liċenza bħala Gwardjani Privati
Application for licence of a Private Guard

Isem u kunjom *Name and Surname*	Nru. tal-Karta tal-Identità *Identity Card No.*	Indirizz *Address*
Christos Karamatskos	38807L	17, Triq Santa Liena, Bormla
Anandhu Anil	236843A	22, Siberja Crt, Flat 1, Triq Siberja, Marsaskala
Vanessa Arpa	97177M	Angela, Flat 7, Triq il-Ġifen, San Pawl il-Baħar
Melvin Pace	475397M	Ġnejna Mans. Blk D, Flat 4, Triq Sant'Antnin, Ħaż-Żabbar
Christ Sammut	431784M	38, Kuuipo, Triq l-Imraden, In-Naxxar
Stephania Borg	146178M	59, Obos, Triq il-Ħarifa, Il-Mosta
Bradley Bartolo	358898M	4, Edelweiss, Triq Ċensu Decandia, Ħal Luqa
Gracie Zerafa	345872M	11, Redeemer, Triq l-Iskulturi Fabri, Iż-Żurrieq
Malcolm Grech	295386M	Blk 9, Bieb A, Flat 1, Triq it-Tulipani, San Ġwann
Consolata Grixti	20174M	St Catherine, Sqaq tal-Qoton, Birżebbuġa
Jason Portelli	18476G	Happy Days, Flat 2, Triq San Blas, In-Nadur, Għawdex
Victoria Dalli	1992M	6, Ħal Dmikki, Blk B Sez. 1 Flat 5, Triq il-Bwar, Ħal Għaxaq
Cisianne Scerri	461101L	Blk 16C, 5, Triq il-Gendus, Bormla
Gesmond Mifsud	103863M	50, Palmdale, Triq il-Gawwi, Birżebbuġa
Kurt Gatt	467682M	Blk 7B, Flat 5, Triq San Ġwann t'Għuxa, Bormla
Mary Grace Farrugia	29879M	Susannah Crt, Flat 1, Triq il-Bħajra, Iż-Żejtun
Maria Sacco	221078M	13, Ġilju, Triq is-Salvatur, Il-Qrendi

Krystle Gaffarena	99984M	3, St Mary, Flat 3, Triq il-Baħrija, Marsaskala
Jesmond Vella	341971M	34, Lor Louis, Triq ix-Xini, Marsaxlokk
Scott Spiteri	291701L	22, Triq Pawlu Cassar, Ħal Għaxaq
Natasa Paunovic	237542A	Qawra Towers, Flat 14, Dawret San Pawl, San Pawl il-Baħar
Joseph Fenech	557878M	Blk A5, Flat 1, Triq il-Gżari, Il-Mosta
Denis Daniel Micsa	235900A	160, Melita, Triq Stiefnu Zerafa, Il-Marsa
Antoinette Scerri	13089G	Haven, Triq Anici, Ir-Rabat, Għawdex
Frankie Said	28676G	33B, Triq Ta' Ħida, In-Nadur, Għawdex
Lucia Briffa	16565M	89, Morninig Breeze, Triq il-Biżantini, Il-Qrendi
Donatus K. Okereke	70935A	6, Triq San Trofimu, Ir-Rabat
Christian Saliba	32295G	42, Orchidea, Triq in-Naġġara, Ix-Xewkija, Għawdex
Stephanie Angelique Spiteri	8097G	Casa Sta Maria, Triq Marsilja, Ta' Sannat, Għawdex
Warren Farrugia	502291M	41, Ix-Xumakka, Triq il-Madonna tal-Ħniena, Iż-Żejtun
Branko Grba	207280A	Teal Crt, Flat 10, Triq Santa Venera, L-Imsida
Roboam Mangion	325571M	Celine, Mais B, Triq il-Qrempuċ, Marsaskala
Eleanor Vella	254976M	51, Villeneuve, Triq il-Qalb ta' Ġesù, Paola
Marlon Muscat	545581M	116, Rustica, Triq Sant'Antnin, Il-Fgura
Raymond Grech	29985G	Zoticus, Triq Sant'Orsola, Ir-Rabat, Għawdex
Gordon Farrugia	91381M	53, Flat 1, Triq il-Kunċizzjoni, Bormla
Keith Darmanin	67780M	45, Mia San Mia, Triq il-Marloċċ, Ħaż-Żabbar
Bradley Camilleri	494501L	22, Triq it-Torri, Il-Qrendi
Kathleen Muscat	140693M	9, Triq l-Iskulturi Fabri, Iż-Żurrieq
Redent Grech	164195M	35, Trejqet ix-Xilep, Ix-Xgħajra
John Paul Bowker	86909L	Dar Giovanni, Triq Sir Arturo Mercieca, Ir-Rabat, Għawdex
Louis Calleja	427481M	130, Glenn, Flat 4, Triq Kent, Il-Fgura

Kull persuna tista', fi żmien xahar mill-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż, toġġezzjona bil-miktub lill-Kummissarju dwar il-ħruġ ta' dawn il-liċenzi għal xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-artikolu 10 tal-Att tal-1996 dwar Gwardjani Privati u Uffiċjali tal-Komunità, li huma:

(a) meta l-applikant jew xi uffiċjali tal-applikant jew persuna oħra li jkollha kontroll effettiv tas-servizzi li jkunu se jiġu pprovduti mill-applikant.

(i) tkun instabet ħatja f'Malta jew xi mkien ieħor ta' xi delitt kontra s-sigurtà tal-Istat, jew ta' xi offiża volontarja fuq il-persuna jew ta' xi delitt kontra proprjetà jew kontra l-fiduċja pubblika jew ta' xi delitt gravi ieħor; jew

(ii) tkun iddikjarata falluta jew meta l-qagħda finanzjarja tagħha tkun prekarja jew xort'oħra tagħmel lill-applikant mhux adatt; jew

(iii) tkun tkeċċiet mill-pulizija jew mill-forzi armati jew mis-servizz tal-ħabs minħabba xi reat jew xi nuqqas ieħor fl-imġiba; jew(b) dwar xi tagħrif li jkun ta' interess pubbliku; jew

(iv) tkun uffiċjal pubbliku jew membru tal-Pulizija jew Forzi Armati jew tas-servizz tal-ħabs; jew

Any person may, within one month from the publication of this notice, object in writing to the Commissioner about the issue of the above licences on any of the grounds listed in section 10 of the Private Guards and Community Officers Act 1996, which are:

(a) where the applicant or any officer of the applicant or any person who has an effective control of the services to be provided by the applicant.

(i) has been convicted in Malta or elsewhere of any crime against the safety of the state, or of any crime of voluntary harm or injury to any person or any crime against property or public trust or any other serious crime; or

(ii) has been declared bankrupt or his financial position is precarious or otherwise renders the applicant unsuitable; or

(iii) has been discharged from the police or armed forces or the prison services because of any offence or other misbehaviour; or

(iv) is a public officer or a member of the police or armed forces or the prison services; or

(b) dwar xi tagħrif li jkun ta' interess pubbliku; jew

(c) meta l-applikant ma jkollux il-kwalifiki meħtieġa kif jista' jkun preskritt bl-Att jew taħtu.

Il-11 ta' Settembru, 2020

Nru. 1051

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi, fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
11.9.2020	€53.065	€0.757

Il-11 ta' Settembru, 2020

(b) when information is available which is in the public interest; or

(c) where the applicant does not possess the necessary qualifications as may be prescribed by or under the Act.

11th September, 2020

No. 1051

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT (CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that, on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consul for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
11.9.2020	€53.065	€0.757

11th September, 2020

Nru. 1052

ATT TAL-2016 DWAR L-IPPJANAR TAL-IŻVILUPP (ARTIKOLU 57)

Skedar ta' Proprjetà

L-AWTORITÀ ta' Malta dwar l-Ippjanar b'din tiddikjara illi l-proprjetajiet imsemmija hawn taħt qegħdin jiġu inklużi fil-Lista ta' Proprjetà Skedata (kif jidher fuq il-mapep f'paġni 8180 u 8181), skont l-Artikolu 57 tal-Att tal-2016 dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp, u permezz tal-paragrafi 1.13, 2.27, u policies TO8, UO2 u RO4 tal-Pjan Strateġiku għall-Ambjent u l-Ippjanar (SPED) kif ġej:

Mappa 1	Nru. 60, 62	Triq Luqa Briffa u Triq il-Ħall	Iż-Żejtun	Grad 2
Mappa 2	Nru. 15	Triq il-Wileġ	San Lawrenz	Grad 2

L-Awtorità dwar l-Ippjanar teżerċita s-setgħat tagħha ta' twettiq, kif imfissra f'Artikolu 57 tal-Att, fil-każ ta' xi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Att tal-2016 dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp f'dak li jirrigwarda proprjetà skedata.

Il-11 ta' Settembru, 2020

No. 1052

DEVELOPMENT PLANNING ACT, 2016 (ARTICLE 57)


Scheduling of Property


THE Planning Authority is hereby declaring the properties mentioned hereunder as included in the List of Scheduled Property (as shown on the maps on pages 8180 and 8181) in terms of Article 57 of the Development Planning Act, 2016, and paragraphs 1.13, 2.27, and policies TO8, UO2 and RO4 of the Strategic Plan for the Environment and Development (SPED) as follows:

Mappa 1	Nru. 60, 62	Triq Luqa Briffa u Triq il-Ħall	Iż-Żejtun	Grad 2
Mappa 2	Nru. 15	Triq il-Wileġ	San Lawrenz	Grad 2

The Planning Authority will exercise its powers of enforcement, as set out in Article 57 of the Act, in the case of any contravention to the provisions of the Development Planning Act 2016 as regards to scheduled property.

11th September, 2020


PLANNING AUTHORITY
St. Francis Ravelin
Floriana FRN 1230
www.pa.org.mt
Tel.: (+356) 2290 0000
Title:
Scheduling of Property
Nru. 60, 62,
Triq Luqa Briffa
u Triq il-Ħall,
Iż-Żejtun
Legend:
Nru. 60, 62,
Triq Luqa Briffa
u Triq il-Ħall,
Iż-Żejtun
Grade 2
Ref. No.: GF 0150/96
Map No.: 1
TRIQ SANTA FAWSTINA
TRIQ LUQA BRIFFA
TRIQ ANĠLU GRIMA
SQAQ TAL-BAĦĦ
SQAQ IL-MITTNA
MASRAH TA' PINUĠA
TRIQ ID-DWIEMES
SQAQ QAWRI
SQAQ NRU. 2
TRIQ XEJBA
TRIQ IL-JALL
TRIQ MARSAXLOKK
SQAQ FI
TRIQ A. DELIA
TRIQ SAN ĠRILLU
SQAQ SANPUBBLIJU
0
0.025
0.05
0.1
km
N


N
Wara
l-Bjut
Ta' Santu
Ta' Bieb
il-G]ar
TRIQ IL-WILEĠ
TREJQET L
RRAT
0
0.025
0.05
0.1
km
PLANNING AUTHORITY
St. Francis Ravelin
Floriana FRN 1230
www.pa.org.mt
Tel.: (+356) 2290 0000
Title:
Scheduling of Property
Nru. 15,
Triq il-Wileġ,
San Lawrenz
Legend:
Nru. 15
Triq il-Wileġ
San Lawrenz
Grade 2
Ref. No.: GF 0045/20
Map No.: 2

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 106 tal-2020

Iffilmjar fil-Qala tal-Mistra u ċ-Ċirkewwa South Quay

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara kollha u s-sidien tal-bastimenti li attivitajiet ta' ffilmjar se jsiru fil-Qala tal-Mistra u fuq iċ-Ċirkewwa South Quay.

L-iffilmjar se jsir kif ġej:

Mill-Qala tal-Mistra nhar is-Sibt, 12 ta' Settembru, 2020 mis-7.00 a.m. sa nofsinhar. Għall-iffilmjar f'din iż-żona l-bastimenti kollha tul il-linja immaġinarja A sa B kif muri fuq iċ-ċhart 1 li tinsab fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (http://www.transport.gov.mt) għandhom jitneħħew matul id-data u l-ħinijiet imsemmija hawn fuq.

Miċ-Ċirkewwa South Quay nhar il-Ħadd, 13 ta' Settembru, 2020, mis-7.00 a.m. u s-1.00 p.m. L-iffilmjar se jsir minn punt C (kif muri fuq iċ-ċhart 2 li tinsab fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (http://www.transport.gov.mt)).

	Latitudni (N)	*Lonġitudni (E)*
A	35° 57'.450	014° 23'.410
B	35° 57'.469	014° 23'.453
C	35° 59'.169	014° 19'.812

Il-baħħara għandhom jinnavigaw b'kawtela u b'veloċità baxxa meta jkunu fil-viċinanza. L-istruzzjonijiet mogħtija mill-Valletta Port Control (Valletta VTS) fuq Channel VHF 12 għandhom jiġu mħarsa.

Charts affettwati: BA 211, 2537, 2538

Il-11 ta' Settembru, 2020

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 106 of 2020

Filming at Il-Qala tal-Mistra and Ċirkewwa South Quay

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies all mariners and owners of vessels, that filming activities will take place at Il-Qala tal-Mistra and Ċirkewwa South Quay.

The filming will be held as follows:

From il-Qala tal-Mistra on Saturday, 12th September, 2020 from 7.00 a.m. till noon. For filming in this area all vessels along the imaginary line A to B (as shown on chart 1 found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt)) are to be removed during the above-mentioned date and times.

From Ċirkewwa South Quay on Sunday, 13th September, 2020, from 7.00 a.m. till 1.00 p.m. Filming will take place from point C (as shown on chart 2 found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt)).

	Latitude (N)	*Longitude (E)*
A	35° 57'.450	014° 23'.410
B	35° 57'.469	014° 23'.453
C	35° 59'.169	014° 19'.812

Mariners are to navigate with caution and slow speed when in the vicinity. Instructions given by Valletta Port Control (Valletta VTS) on VHF channel 12 are to be complied with.

Charts affected: BA 211, 2537, 2538

11th September, 2020

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 107 tal-2020

Tiswijiet ta' Skal fir-Ramla ta' Wied Musa fiċ-Ċirkewwa

Id-Direttorat tal-Portijiet u Yachting, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara u l-pubbliku ġenerali li xogħol ta' tiswija fuq l-iskal fir-Ramla ta' Wied Musa fiċ-Ċirkewwa se jsir minn nhar it-Tnejn, 14 ta' Settembru, 2020, sakemm ikun hemm avviż ieħor.

Silt curtain (bejn wieħed u ieħor 10m mill-iskal) titqiegħed fiż-żona murija fuq iċ-chart li tinsab fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (http://www.transport.gov.mt). Uħud mix-

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 107 of 2020

Repair works on slipway at Ir-Ramla ta' Wied Musa in Ċirkewwa

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners and the general public that repair work on the slipway at Ir-Ramla ta' Wied Musa in Ċirkewwa will be carried out from Monday, 14th September, 2020, until further notice.

A silt curtain (approximately 10m from slipway) will be laid within the area shown hatched on chart found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt). Some of

xogħlijiet se jinvolvu l-użu ta' għaddasa; huma jkunu qed jaħdmu 'l ġewwa mis-silt curtain.

Minħabba x-xogħol ta' tiswijiet imsemmi hawn fuq, l-iskal mhux se jkun aċċessibbli fid-dati msemmija hawn fuq minħabba is-silt curtain.

Baħħara li jbaħħru qrib l-iskal fid-dati msemmija hawn fuq għandhom ibaħħru b'veloċità baxxa ħafna ħalli ma jagħmlux mewġ.

Il-baħħara huma avżati biex jobdu l-ordnijiet kollha li jingħataw mill-Valletta Port Control (Valletta VTS) fuq VHF Channel 12.

Charta affettwati: BA Chart 211, 2537, 2538

Il-11 ta' Settembru, 2020

TRANSPORT MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 42 tal-2020

Taħriġ ta' Sparar Attiv fil-Pembroke Ranges – mill-14 sat-18 ta' Settembru, 2020 – Ħinijiet Estiżi

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, jgħarraf illi b'żieda għal Avviż lill-Baħħara Nru. 2 tal-2019, il-Forzi Armati ta' Malta se jagħmlu Taħriġ ta' Sparar Attiv bejn it-Tnejn, 14 u l-Ġimgħa, 18 ta' Settembru, 2020, b'ħinijiet estiżi bejn is-6.00 p.m. u t-8.00 p.m. (Ħin Lokali).

Iż-żona ta' eżerċizzju (LM-D6) hija delineata b'settur ABC.

Minn Pożizzjoni A

Latitudni (T)	*Longitudni (L)*
A 35º 55'.540	014º 28'.320 (Punt ta' ċentru fuq l-art),

raġġ ta' 4 mili nawtiċi fuq punti

B	35º 59'.460	014º 27'.150 u
C	35º 58'.290	014º 32'.190

Matul it-taħriġ ta' sparar attiv, bnadar ħomor (qies ta' madwar 2.5m x 2m) se jittajru mil-limiti tax-xatt. Wara nżul ix-xemx minflok bnadar ħomor se jkun hemm dwal ħomor u żewġ bastimenti ta' sigurtà bi dwal blu fuq kull naħa, biex jindikaw il-limitu. Il-baħħara huma avżati biex iżommu minimu ta' 4 mili nawtiċi lil hinn mill-kosta meta jintlemħu l-bnadar u l-bastimenti.

the work will involve the use of divers; they will be working within the silt curtain.

Due to the above-mentioned repair works, the slipway cannot be used during this period due to the silt curtain.

Masters and vessel operators are instructed to keep a sharp lookout and navigate at very slow speed (no wake) when in the vicinity during the above-mentioned dates.

All vessel operators are to comply with any instructions as given by Valletta Port Control (Valletta VTS) on VHF Channel 12.

Charts affected: BA 211, 2537, 2538

11th September, 2020

TRANSPORT MALTA

Notice to Mariners No. 42 of 2020

Live Firing Practice at Pembroke Ranges – 14th to 18th September 2020 – Extended Hours

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies that further to Notice to Mariners No. 2 of 2019, the Armed Forces of Malta will carry out Live Firing Practice between Monday, 14th and Friday, 18th September, 2020, with extended hours between 6.00 p.m. and 8.00 p.m. (Local Time).

The exercise area (LM-D6) is delineated by sector ABC.

From Position A

Latitude (N)	*Longitude (E)*
A 35º 55'.540	014º 28'.320 (Centre point on land),

a radius of 4 nautical miles to points

B	35º 59'.460	014º 27'.150 and
C	35º 58'.290	014º 32'.190

During the live firing practice red flags (approximate size 2.5m x 2m) will be flown from the shore limits. After sunset instead of the red flags there will be red lights and two safety vessels with blue lights on each side, to indicate the limit. Mariners are warned to keep as a minimum 4 nautical miles off the coast when the flags or safety vessels are sighted.

Barra minn hekk, huma jridu jobdu struzzjonijiet maħruġa mill-Valletta Port Control (Valletta VTS) fuq VHF Channel 12 u mill-Forzi Armati ta' Malta.

Charts affettwati: BA 2538, 2537, 194

Pożizzjonijiet b'referenza għal WGS 84 DATUM

Il-11 ta' Settembru, 2020

TRANSPORT MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 43 tal-2020

Ikkanċella Avviż lill-Baħħara Nru. 41 tal-2020 rigward – Xogħol ta' Manutenzjoni fuq il-Valletta Harbour Fairway Buoy

Referenza għal BA Chart 177 – Portijiet tal-Belt Valletta.

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta javża lill-baħħara li x-xogħlijiet ta' manutenzjoni fuq il-Valletta Harbour Fairway Buoy tlestew.

Għalhekk, l-Avviż lill-Baħħara Nru. 41 tal-2020 rigward – Xogħol ta' manutenzjoni fuq il-Valletta Harbour Fairway Buoy ġie KKANĊELLAT.

Il-11 ta' Settembru, 2020

FESTIVALS MALTA

Sejħa għall-applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' Managers Events ma' Festivals Malta

Numru tal-Permess tal-Jobsplus 485/2020

L-Aġenzija Festivals Malta, taħt ir-responsabilità tal-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali tavża li qed tirċievi applikazzjonijiet għas-servizzi ta' żewġ Managers Events fuq bażi full-time.

Applikanti interessati għandhom jibagħtu ittra ta' introduzzjoni flimkien ma' CV dettaljata u kopji tal-kwalifiki akkademiċi sa mhux aktar tard mill-Ħamis, 24 ta' Settembru, 2020, f'nofsinhar permezz ta' ittra elettronika lil (hr.fm@festivals.mt).

Rekwiżiti tal-eliġibbiltà u dokumenti meħtiega jistgħu jitniżżlu mis-sit ta' Festivals Malta (www.festivals.mt).

Il-11 ta' Settembru, 2020

Moreover, any instructions given by Valletta Port Control (Valletta VTS) on VHF Channel 12 and the Armed Forces of Malta are to be strictly observed.

Charts affected: BA 2538, 2537, 194

Positions referred to WGS 84 DATUM

11th September, 2020

TRANSPORT MALTA

Notice to Mariners No. 43 of 2020

Cancel Notice to Mariners No. 41 of 2020 – re Maintenance Work on Valletta Harbour Fairway Buoy

Reference is made to BA Chart 177 – Valletta Harbours.

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta notifies that the maintenance works on the Valletta Harbour Fairway Buoy have been completed.

Therefore, Notice to Mariners No 41 of 2020 – re Maintenance work on Valletta Harbour Fairway Buoy is hereby CANCELLED.

11th September, 2020

FESTIVALS MALTA

Vacancy - Managers Events with Festivals Malta

Jobsplus Permit Number 485/2020

Festivals Malta Agency, under the responsibility of the Ministry for the National Heritage, the Arts and Local Government is looking for 2 (two) Managers Events. The successful candidates shall serve Festivals Malta to manage a variety of tasks to deliver festivals to an excellent standard.

Interested applicants should send a letter of application together with a detailed CV and copies of academic qualifications by not later than Thursday, 24th September, 2020, at noon via email on (hr.fm@festivals.mt).

A list of qualifications required pertaining to the interested applicants can be found on Festivals Malta website (www.festivals.mt).

11th September, 2020

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI U X-XOGĦOL

Pożizzjoni ta' Kordinatur għall-Edukazzjoni fuq bażi Part-time fi ħdan il-Kulleġġ Mikiel Anton Vassalli (Visual and Performing Arts), Skola tal-Arti, Malta fil-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

Il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol (MEDE) jixtieq jiġbed l-attenzjoni tal-applikanti interessati li l-ebda forma ta' abbuż fuq it-tfal mhuwa tollerat. Fil-proċess tar-reklutaġġ, il-MEDE jimxi mal-Liġi Sussidjarja 327.546 (Regolamenti tal-2016 dwar ir-Reklutaġġ, Taħriġ Inizjali u Żvilupp Professjonali Kontinwu u Protezzjoni ta' Minorenni fl-Edukazzjoni Obbligatorja).

1. Is-Segretarju Permanenti Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol jilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' Kordinatur għall-Edukazzjoni fuq bażi part-time fi ħdan il-Kulleġġ Mikiel Anton Vassalli (Visual and Performing Arts), Skola tal-Arti Malta fil-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol.

Tul tal-Assenjament u kundizzjonijiet

2.1 Persuna magħżula se tiġi ingaġġata bħala Kordinatur għall-Edukazzjoni fuq bażi part-time fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol. L-ingaġġ ikun fuq bażi definita għal sena (1) skolastika waħda, jew inqas, li jista' jiġi mġedded għal perjodi oħra.

2.2 Il-pożizzjoni ta' Kordinatur għall-Edukazzjoni fuq bażi part-time hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' tliet (3) xhur.

2.3 Peress li din hi pożizzjoni marbuta ma' terminu ta' żmien fiss jew tkomplija ta' biċċa xogħol speċifika, għaldaqstant dan jikkostitwixxi raġuni oġġettiva, il-pożizzjoni ta' Kordinatur għall-Edukazzjoni fuq bażi part-time hija skont ir-Regolament 7(4) tal-Liġi Sussidjarja 452.81 intitolat 'Regolamenti dwar Kuntratti ta' Servizz għal Żmien Fiss'.

2.4 Uffiċjal li jkollu pożizzjoni ta' natura definita (jiġifieri b'raġuni oġġettiva), li j/tinsab fl-aħħar erba' (4) xhur tat-terminu definit tiegħu/tagħha, j/tista' j/tapplika lateralment, anke jekk il-pożizzjoni reklamata għandha l-istess speċjalizzazzjoni li huwa/hija għandu/ha bħalissa.

2.5 Il-Kordinatur għall-Edukazzjoni fuq bażi part-time se jaħdem fuq bażi part-time għal numru ta' sigħat fil-ġimgħa (massimu ta' 25 siegħa fil-ġimgħa), liema numru ta' sigħat jiġi determinat qabel il-bidu tas-sena skolastika u jiddependi min-numru ta' applikanti li jkunu applikaw biex jattendu

MINISTRY FOR EDUCATION AND EMPLOYMENT

Position of Part-Time Education Coordinator for the Mikiel Anton Vassalli College (Visual and Performing Arts), Malta School of Art within the Ministry for Education and Employment

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

The Ministry for Education and Employment (MEDE) would like to remind all interested applicants that it has zero tolerance policy towards any form of child abuse. MEDE adheres to S.L. 327.546 (Recruitment, Initial Training and Continuous Professional Development of Personnel and Protection of Minors in Compulsory Education Regulations 2016) in its recruitment process.

1. The Permanent Secretary, Ministry for Education and Employment invites applications for the position of part-time Education Coordinator to serve within the Mikiel Anton Vassalli College – Malta School of Art within the Ministry for Education and Employment.

Duration of Assignment and Conditions

2.1 A selected candidate will be engaged as a part-time Education Coordinator in the Ministry for Education and Employment. The engagement will be on a definite basis for one (1) scholastic year or less, which may be renewed for further periods.

2.2 The position of a part-time Education Coordinator is subject to a probationary period of three (3) months.

2.3 Since this is a position which is time-barred or linked to the completion of a specific task, such constitutes an objective reason, the position of part-time Education Coordinator falls under Regulation 7(4) of Subsidiary Legislation 452.81 entitled 'Contracts of Service for a Fixed Term Regulations'.

2.4 An officer holding a position of a definite nature (i.e. with objective reason), who is in the last (4) months of his/her definite term, may apply laterally, even if the advertised position carries the same specialisation that s/he currently holds.

2.5 Part-time Education Coordinator shall work on a part-time basis for a number of hours per week (maximum of 25 hours weekly) which will be determined prior to the beginning of the scholastic year depending on the number of applicants who would have applied to attend learning

għall-korsijiet u/jew eżiġenzi oħra li jistgħu jinqalgħu minn żmien għal żmien.

2.6 Id-dispożizzjonijiet relatati dwar il-benefiċċji u entitlements skont kif imniżżla fil-Public Service Management Code bħal vacation leave u leave tal-mard, fil-każ ta' part-timers, huma fuq bażi prorata. Il-vacation leave jrid jittieħed matul il-btajjel tal-iskola.

2.7 Ġranet tal-iskola, sigħat u vaganzi jkunu dawk kif stabbiliti fl-'Agreement between the Government of Malta and the Malta Union of Teachers' iffirmat fil-21 ta' Diċembru, 2017.

Salarju Marbut mal-Pożizzjoni

3. Kordinatur għall-Edukazzjoni fuq bażi part-time jitħallas bir-rata ta' €20.00 fis-siegħa, skont in-numru ta' sigħat maħduma flimkien ma' bonuses prorata (ta' nofs is-sena u tal-Milied) u d-dħul supplimentari.

Dmirijiet

4. Id-dmirijiet għal din il-pożizzjoni ta' Kordinatur għall-Edukazzjoni fuq bażi part-time huma:

i. ikun responsabbli għall-Amministratur taċ-Ċentru tal-iskola;

ii. jaħdem mill-qrib mal-membri tal-istaff u edukaturi li jaħdmu fl-iskola u jipprovdi appoġġ kif meħtieġ;

iii. jikkontribwixxi fit-tmexxija, operazzjonijiet u loġistika tal-iskola u fl-amministrazzjoni tal-korsijiet;

iv. jikkopera ma' kordinaturi oħra fi ħdan il-Kulleġġ Mikiel Anton Vassalli biex jiżgura li r-riżorsi u l-ħtiġiet organizzattivi jiġu kkordinati u allinjati;

v. jaħdem mill-qrib mal-Amministratur taċ-Ċentru biex jiżviluppa u jimplimenta metodi effettivi li jimmotivaw u jappoġġjaw lill-istudenti biex ikomplu jiżviluppaw il-ħiliet tagħhom u jsiru kontributuri fl-industrija kreattiva;

vi. jiżgura li r-rekords tal-istudenti huma miżmuma aġġornati, jiġbor dejta u jaġġorna statistiki u rekords tal-iskola;

vii. jgħin fil-monitoraġġ tal-kwalità u l-istandards tat-tagħlim u t-tagħlim permezz ta' osservazzjonijiet tal-klassi u kontrolli tal-assigurazzjoni tal-kwalità;

viii. jiżgura l-ordni u d-dixxiplina u jippromovi wkoll relazzjonijiet b'saħħithom bejn l-edukaturi u studenti;

ix. jappoġġja l-iskola fit-twaqqif ta' kollaborazzjonijiet ma' istituzzjonijiet oħra u fl-applikazzjoni għal fondi lokali

courses and/or any arising exigencies which may arise from time to time.

2.6 The provisions relating to benefits and entitlements described in the Public Service Management Code such as vacation and sick leave are in the case of part-timers applicable on a pro-rata basis. Vacation leave is to be availed of during the school holidays.

2.7 School days, hours and holidays shall be as established in the 'Agreement between the Government of Malta and the Malta Union of Teachers' signed on the 21st December, 2017.

Salary Pegged to the Position

3. A part-time Education Coordinator shall be paid at the rate of €20.00 per hour according to the number of hours worked plus pro-rata bonuses (mid-year and Christmas) and income supplement.

Duties

4. The job duties for the position of part-time Education are:

i. being answerable to the Centre Administrator of the school ;

ii. works closely with the staff members and educators working at the school and provides support as required;

iii. contributes in the management, operations and logistics of the school and the administration of courses;

iv. liaises with other coordinators within the Mikiel Anton Vassalli College to ensures that resources and organisational requirements are coordinated and aligned;

v. works closely with the Centre Administrator to develop and implement effective approaches of motivating and supporting learners to further develop their skills and become contributors in the creative industry;

vi. ensures learners records are kept up to date, compiles data and updates statistics, in particular statistics and school records ;

vii. assists in the monitors the quality and standards of teaching and learning through class observations and quality assurance checks;

viii. ensures order and discipline and also promotes healthy relationships between educators and learners;

ix. supports the school in setting up collaborations with other institutions and in applying for local and international

u internazzjonali u programmi ta' skambju u jipparteċipa f'forums u networks rilevanti għall-komunità tal-arti u l-edukazzjoni;

x. jattendi laqgħat tal-persunal, laqgħat tal-kurrikulu mmexxija mill-għalliema, taħriġ fit-tim u programmi ta' żvilupp kontinwu;

xi. jgħin fl-organizzazzjoni ta' workshops, avvenimenti u attivitajiet ta' outreach bħal jiem ta' tagħlim, seminars u attivitajiet informali oħra għal promozzjon ta' korsijiet;

xii. jieħu inizjattiva fl-iżvilupp tal-kontenut għass-it elettroniku tal-iskola u l-pjattaformi tal-midja soċjali;

xiii. jappoġġja lill-Amministratur taċ-Ċentru u lill-bord tal-istudji fl-iżvilupp ta' korsijiet u programmi, fir-reviżjoni tal-istandards akkademiċi, fl-implimentazzjoni u għodod ta' valutazzjoni u fl-assigurazzjoni tal-kwalità tal-edukazzjoni tal-iskola;

xiv. iwettaq kull kompitu ieħor li s-superjur jista' jiddeliga lilu/lilha kif jista' jkun meħtieġ;

kwalunkwe dmir ieħor skont l-eżiġenzi tas-Servizz Pubbliku kif ordnat mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

5.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

i. a. ċittadini ta' Malta; jew

b. ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

c. ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż b'leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

d. kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

e. ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-

funding and exchange programmes and participates at forums and networks relevant to the art community and education;

x. attends staff meetings, teacher-led curriculum meetings, team training and continuous development programmes;

xi. Helps in the organisation of workshops, events, talks and outreach activities such as learning days, seminars and informal activities to promote courses;

xii. takes initiative in developing content for the school's website and social media platforms;

xiii. supports the Centre Administrator and the board of studies in the process of accreditation of new courses, the updating of accredited courses; reviewing the academic standards and implementing assessment tools and quality assurance of education of the school;

xiv. undertakes any other tasks, which the superior may delegate to him/her as may be required.

xv. any other duties according to the exigencies of the Public Service, as directed by the Principal Permanent Secretary.

Eligibility Requirements

5.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

i. a. citizens of Malta; or

b. citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

c. citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

d. any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

e. third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the

regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar 'Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)', jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18(3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji; jew

'Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006' or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the 'Family Reunification Regulations, 2007'; or

f. Fil-pussess ta' dokument tar-residenza maħruġ skont id-dokument 'Status ta' Residenza ta' Ċittadini tar-Renju Unit u l-Membri tal-Familja tagħhom f'Malta skont il-Ftehim dwar l-Irtirar tar-Renju Unit u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u r-Regolamenti tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika'.

f. in possession of a residence document issued in terms of the 'Residence Status of United Kingdom Nationals and their Family Members in Malta in accordance with the Agreement on the Withdrawal of the United Kingdom and Northern Ireland from the European Union and the European Atomic Energy Community Regulations'.

Għandu jintalab il-parir tad-Dipartiment għall-Affarijiet taċ-Ċittadinanza u tal-Espatrijati fi ħdan l-Aġenzija Identity Malta skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

The advice of the Department of Citizenship and Expatriate Affairs within the Identity Malta Agency should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

ii. kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u/jew tal-lingwa Ingliża;

ii. able to communicate in the Maltese and/or English languages;

iii. fil-pussess ta' kwalifika ta' Masters rikonoxxuta fil-Livell 7 tal-MQF (suġġett għal minimu ta' 60 krettu ECTS/ECVET, jew ekwivalenti, fir-rigward ta' programmi li bdew minn Ottubru 2008) fl-Art Education jew fil-Fine Arts jew kwalifika professjonali komparabbli u sentejn (2) esperjenza ta' xogħol rilevanti fit-tagħlim u t-tagħlim f'ambjent edukattiv formali; JEW

